C/2025/294

6.1.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11808 - PERMIRA / BASICNET / K-WAY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/294)

1. Fit-18 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Permira Holdings Limited ("Permira", Guernesey),

— BasicNet S.p.A. ("BasicNet", l-Italja), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Marco Boglione,

— K-WayS.p.A. ("K-Way", l-Italja), bħalissa kkontrollata minn BasicNet.

Permira u BasicNet se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' K-Way.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Permira hija negozju rreġistrat ta' ekwità privata involuta, permezz tas-sussidjarji u l-affiljati tagħha, fil-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar ta' portafolji għal għadd ta' fondi ta' investiment. Permira fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla għadd ta' fondi ta' ekwità privata, li jinkludu kumpaniji tal-portafoll li huma attivi f'firxa ta' ġuriżdizzjonijiet, globalment.

— BasicNet hija kumpanija Taljana, li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Marco Boglione, li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ilbies, ix-xedd is-saqajn u l-aċċessorji. BasicNet, permezz tas-sussidjarji proprjetà sħiħa tagħha, hija attiva f'firxa ta' ġuriżdizzjonijiet, globalment, u topera permezz ta' network ta' detenturi ta' liċenzja taħt marki magħrufa, li jiffoka fuq il-ġestjoni tad-ditta, id-disinn tal-prodott, u d-distribuzzjoni globali. K-Way hija sussidjarja kompletament proprjetà ta' BasicNet li għandha marka internazzjonali tal-ħwejjeġ maħluqa fi Franza u bil-kwartieri ġenerali tagħha fl-Italja. Hija tispeċjalizza fid-disinn u l-bejgħ ta' ħwejjeġ ta' fuq u aċċessorji u jopera permezz tas-sit web, il-ħwienet tal-imnut, u network ta' distribuzzjoni bl-ingrossa u bl-imnut tiegħu fl-UE u lil hinn minnha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11808 – PERMIRA / BASICNET / K-WAY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË